# Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva

## Rakkomandazzjonijiet għall-Policy Makers



# Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva

## Rakkomandazzjonijiet għall-Policy Makers

L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni
għal Ħtiġijiet Speċjali

Education and Culture DG

Lifelong Learning Programme

Il-produzzjoni ta' dan id-dokument kellha s-sostenn tad-DG għall-Edukazzjoni u l-Kultura tal-Kummissjoni Ewropea: http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/index_en.htm

Dan id-dokument kien imħejji minn:
Lucie Bauer, Membru tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency, l-Awstrija
Zuzana Kaprova, Membru tal-Board Rappreżentattiv tal-Agency, ir-Repubblika Ċeka
Maria Michaelidou, Membru tal-Brod Rappreżentattiv tal-Agency, il-Greċja
Christine Pluhar, Membru tal-Bord Rappreżentattiv tal-Agency, il-Germanja

Editjat minn: Amanda Watkins, Membru tal-Istaff tal-Agency

Siltiet minn dan id-dokument huma permessi sakemm ikun hemm referenza ċara għas-sors. Dan ir-rapport għandu jkun irreferut kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali, 2009. *Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inklużiva – Rakkomandazzjonijiet għall-Policy Makers*, Odense, Denmark: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

Dan ir-rapport jista' jinkiseb f'format maniġġabbli sħiħ u f'21 lingwa sabiex ikun jista' jipprovdi aċċess aħjar għall-informazzjoni. Verżjonijiet elettroniċi ta' dan ir-rapport jistgħu jinkisbu minn fuq il-website tal-Agency:
http://www.european-agency.org/publications/ereports

Din il-verżjoni tar-rapport hi t-traduzzjoni prodotta minn pajjiżi membri tal-Agency u saret mill-manuskritt oriġinali bl-Ingliż tal-Agency

Tradott minn: Tarcisio Zarb

Stampa tal-Qoxra: Daniela Demeterová, ir-Repubblika Ċeka

ISBN (Ipprintjat): 978-87-92387-92-9 ISBN (Elettroniku): 978-87-7110-015-0

**© L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali 2009**

Secretariat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Brussels Office
3 Avenue Palmerston
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 280 33 59
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

## WERREJ

**DAĦLA** ........................................................................ **5**

**1. INTRODUZZJONI** ........................................................................ **7**

**2. APPROĊJU EWROPEW U INTERNAZZJONALI LEJN EDUKAZZJONI INKLUŻIVA** ........................................................................ **11**

2.1 Prinċipji ta' gwida għal-livell Ewropew ........................................ 11

2.2 Prinċipji ta' gwida għal-livell Internazzjonali ........................................ 12

**3. PRINĊIPJI EWLENIN GĦALL-PROMOZZJONI TAL-KWALITÀ FL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA** ........................................................................ **15**

*It-twessigħ tal-parteċipazzjoni biex tiżdied l-opportunità edukattiva għall-istudenti kollha.* ........................................ 15

*Edukazzjoni u taħriġ fl-edukazzjoni inklużiva għall-għalliema kollha* ........................................ 18

*Kultura u ethos organizzattivi li jippromwovu l-inklużjoni* ........................................ 19

*Strutturi ta' sostenn organizzati biex jippromwovu l-inklużjoni* ..... 19

*Sistemi flessibbli ta' riżorsi li jippromwovu l-inklużjoni* ........................................ 20

*Policies li jippromwovu l-inklużjoni* ........................................ 21

*Leġiżlazzjoni li tippromwovi l-inklużjoni* ........................................ 23

Kummenti tal-Għeluq ........................................ 23

**4. AKTAR INFORMAZZJONI** ........................................................................ **25**

4.1 Is-sorsi tal-Agency ........................................ 25

4.2 Sorsi oħra ........................................ 26

## DAĦLA

L-ewwel rapport mis-serje *Prinċipji Ewlenin* kien ippubblikat mill-Agency fl-2003. It-tiltu ta' dan ir-rapport kien 'Prinċipji Ewlenin ta' Edukazzjoni bi Ħtiġijiet Speċjali – Rakkomandazzjonijiet għall-Policy Makers', u bbażat fuq xogħol li l-Agency ippubblikat sal-2003.

Bħal fil-każ tal-edizzjoni ta' qabel, dan id-dokument tħejja mill-policy makers fl-edukazzjoni sabiex jipprovdu lil policy makers oħra madwar l-Ewropa b'sintesi tar-riżultati tal-policy prinċipali li ħarġu mix-xogħol tematiku tal-Agency bħala sostenn għall-inklużjoni ta' studenti b'tipi differenti ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) fi ħdan il-proviżjoni tal-mainstream. Din l-edizzjoni timxi fuq ix-xogħol li sar mill-Agency mill-2003 sal-lum u tkopri dawn il-pubblikazzjonijiet:

- Edukazzjoni Speċjali fl-Ewropa fl-2003 (2003);
- Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali fl-Ewropa: Pubblikazzjoni Tematika (Volum 1, 2003 u Volum 2, 2006);
- Edukazzjoni Inkużiva u Prattika fil-Klassi fl-Edukazzjoni Sekondarja (2005);
- Opinjonijiet ta' Żgħażagħ fuq Edukazzjoni Għal Ħtiġijiet Speċjali – Riżultati tas-Simpożju fil-Parlament Ewropew (2005);
- Intervent fit-Tfulija Bikrija (2005);
- Pjanijiet ta' Tranżizzjoni Individwali (2006);
- Assessjar f'Ambjenti Inklużivi (2007 and 2009);
- Young Voices: Inwieġbu għad-Diversità fl-Edukazzjoni (2008);
- Żvilupp ta' sett ta' indikaturi' – għall-edukazzjoni inklużiva fl-Ewropa (2009);
- Diversità Multikulturali u Edukazzjoni bi Ħtiġijiet Speċjali (2009).

Dawn il-pubblikazzjonijiet kollha jinsabu sa 21 lingwa fil-website tal-Agency: http://www.european-agency.org/publications

Hu ttamat li dawn ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-prinċipji bażiċi tal-Agency jikkontribwixxu b'mod pożittiv għax-xogħol tal-policy makers tal-Ewropa li, b'modi differenti, qegħdin jagħmlu ħilithom kollha biex isostnu l-proċessi involuti fl-edukazzjoni inklużiva ta' pajjiżhom.

**Cor Meijer**
Direttur: L-Aġenzija Ewropea għall-Iżvilupp ta' Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali

# 1. INTRODUZZJONI

Bħal fil-każ tal-edizzjoni ta' qabel fis-serje *Prinċipji Ewlenin*, il-ħsieb ta' dan ir-rapport hu li jindika rakkomandazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' aspetti bażiċi tal-policy tal-edukazzjoni li tidher li hi effettiva fl-għajnuna li tagħti lil studenti b'tipi differenti ta' ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN) fi ħdan il-mainstream. Essenzjalment dawn ir-rakkomandazzjonijiet jenfasizzaw il-prinċipji tal-promozzjoni tal-edukazzjoni inklużiva u ta' skola għal kulħadd. Fil-pajjiżi kollha tal-Ewropa jeżisti l-għarfien li l-edukazzjoni inklużiva – jew kif inhi magħrufa fiċ-Charter ta' Lussemburgu (1996) *Skola għal Kulħadd* – tipprovdi bażi importanti biex tiġi żgurata opportunità ekwa għall-istudenti b'tipi differenti ta' ħtiġijiet speċjali fl-aspetti kollha ta' ħajjithom (edukazzjoni, taħriġ vokazzjonali, impjieg u ħajja soċjali). Asserzjoni prinċipali tal-ewwel edizzjoni tal-*Prinċipji Ewlenin* intużat fit-tħejjija ta' dan id-dokument: '*edukazzjoni inkużiva tirrikjedi sistemi flessibbli ta' edukazzjoni li jaqdu l-ħtiġijiet diversi u ta' spiss kumplessi ta' studenti individwali*' (p. 4).

L-udjenza li dan id-dokument jimmira għaliha tibqa' dejjem il-policy makers tal-edukazzjoni. Madankollu, wieħed irid jgħid li, aktar minn fil-każ tal-edizzjoni ta' qabel, l-enfasi tal-prinċipji bażiċi għal edukazzjoni inklużiva bħalissa trid tkun fuq rakkomandazzjonijiet li jistgħu jagħmlu użu minnhom kemm il-policy makers tal-mainstream kif ukoll il-policy makers speċifiċi tal-SNE, dejjem jekk wieħed irid li l-impatt fuq l-inklużjoni, fis-sens l-aktar wiesa' tagħha, ikun massimu. Wieħed jammetti li hemm bżonn ta' dibattitu fost il-policy makers tal-mainstream li ġejjin minn diversi setturi u fażijiet, u li jistgħu jmexxu l-proviżjoni tal-edukazzjoni mainstream 'il quddiem. Dan ir-rapport jippreżenta rakkomandazzjonijiet imsejsa fuq riżultati tal-istudji tal-Agency li saru bejn l-2003 u 2009 u li għandhom x'jaqsmu ma' dak li l-policy makers iridu jwettqu sabiex isostnu l-inkużjoni. (Għad-dettalji kollha tax-xogħol li twettaq mill-Agency, jekk jogħġbok irreferi għal Taqsima 4: Aktar Informazzjoni).

Dan ix-xogħol sar permezz ta' tipi differenti ta' proġetti tematiċi u li normalment jinvolvi lill-pajjiżi membri kollha tal-Agency[1].

---

1 Sa mill-2009, il-pajjiżi membri tal-Agency huma: L-Awstrija, il-Belgju (il-komunitajiet li jitkellmu Fjamming u Franċiż), Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, Il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Islanda, l-Isvezja, l-Isvizzera, l-

Il-proġetti tal-Agency jiġu identifikati mir-rappreżentanti ministerjali tal-pajjiżi membri billi huma jirriflettu dawk l-aspetti li huma prioritarji għalihom u li jikkonċernawhom. Dawn il-proġetti jużaw varjetà ta' metodoloġiji (analiżi ta' informazzjoni dwar il-pajjiż miġbura minn surveys jew kwestjonarji, reviews ta' letteratura, jew skambji wiċċ imb wiċċ li jinvolvu esperti mill-pajjiżi kkonċernati). Ir-riżultat ta' dan kollu hu firxa ta' informazzjoni rilevanti (dokumenti stampati, rapporti elettroniċi u riżorsi).

Il-proġetti tematiċi kollha użati fit-tħejjija ta' dan id-dokument iffukaw fuq l-aspetti differenti ta' inklużjoni li jgħinu lill-istudenti jkollhom aċċess għall-edukazzjoni fil-komunità lokali tagħhom. Filwaqt li r-riżultati tal-Agency li qegħdin jintużaw f'dan ix-xogħol jiffukaw prinċipalment fuq l-edukazzjoni skolastika obbligatorja, il-prinċipji bażiċi huma dawk li jsostnu edukazzjoni għal tul il-ħajja u l-iskop aħħari tal-inklużjoni soċjali għal nies bi ħtiġijiet edukattivi speċjali (SEN). Bħal fil-każ tas-sitwazzjoni ppreżentata fl-2003, wieħed irid jenfasizza li hemm kuntesti nazzjonali diversi għall-inklużjoni u li: '*Il-pajjiżi kollha huma … f'punti differenti fil-vjaġġ għall-inklużjoni*' (Watkins, 2007, p. 16).

Bħal fl-2003, il-persentaġġ tal-istudenti fl-edukazzjoni obbligatorja li huma rikonoxxuti uffiċjalment bħala b'SEN fil-pajjiżi differenti jvarja minn taħt 1% għal 19%. Il-persentaġġ ta' studenti b'SEN fi skejjel u klassijiet speċjali jvarjaw ħafna wkoll, b'xi pajjiżi jpoġġu anqas minn 1% tal-istudenti kollha fi proviżjoni separata, filwaqt li oħrajn għandhom aktar minn 5%. Is-sitwazzjoni kontinwa turi li informazzjoni bħal din tirrifletti d-differenzi li jeżistu fil-proċeduri tal-assessjar, l-istrutturi li jipprovdu l-finanzi u l-policies għall-provvediment, aktar milli d-differenzi fl-inċidenza attwali tal-ħtiġijiet edukattivi speċjali fil-pajjiżi.

Bħal fl-2003 wkoll, il-pajjiżi għandu jkollhom approċji differenti fl-istrutturar tal-proviżjoni għal studenti b'SEN. Hu possibbli fil-pajjiżi differenti li tidentifika approċji mmirati lejn inklużjoni sħiħa fl-issettjar tal-mainstream, approċji li jinvolvu 'kontinwu ta' proviżjoni' immirat biex jintlaħqu l-ħtiġijiet diversi; u approċji b'sistemi separati u definiti b'mod ċar għall-mainstream u għal skejjel speċjali. Madankollu huwa possibbli li wieħed jara li: '*kunċetti ta', policies għal, u prattika*

Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Norveġja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, Ir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales), ir-Repubblika Ċeka, is-Slovenija, Spanja, l-Ungerija.

*f'edukazzjoni inklużiva qegħdin jinbidlu l-ħin kollu fil-pajjiżi kollha*' (ibid).

Minkejja dawn id-differenzi eżistenti għall-inklużjoni f'kuntesti nazzjonali, għadu possibbli li wieħed jinnota l-prinċipji bażiċi f'policies inklużivi li ħarġu mill-proġetti tematiċi l-aktar riċenti tal-Agency u li l-pajjiżi membri tal-Agency qalbu dwarhom; dawn jinsabu f'Taqsima 3.

Dawn il-prinċipjj bażiċi jinsabu huma stess imsaħħin minn fehma li qiegħda tiżviluppa kontinwament li l-edukazzjoni inklużiva tikkonċerna firxa ħafna aktar wiesgħa ta' studenti li huma vulnerabbli għall-esklużjoni minn dawk li huma identifikati bħala persuni bi ħtiġijiet edukattivi speċjali. Dan kollu jintrabat mal-kunċett aċċettat li edukazzjoni ta' kwalità għal studenti b'SEN fi skejjel mainstream trid tfisser edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti kollha.

Din l-idea ta' parteċipazzjoni usa' fl-edukazzjoni mainstream bħala mezz sabiex l-edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti kollha tiġi ggarantita, hi riflessa fl-isem stess ta' din l-edizzjoni tas-serje: *Il-Prinċipji Ewlenin għall-Promozzjoni tal-Kwalità fl-Edukazzjoni Inkużiva.*

Din l-idea dwar l-edukazzjoni inklużiva hi definita b'mod ċar f'għadd ta' rapporti u dikjarazzjonijiet internazzjonali – dawn id-dokumenti jinsabu mqassra fis-sezzjoni li jmiss, bħala introduzzjoni għall-prinċipji bażiċi msejsa fuq evidenza li ħarġet mill-ħidma tal-Agency.

## 2. APPROĊJU EWROPEW U INTERNAZZJONALI LEJN EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

Kemm fil-livell Internazzjonali kif ukoll f'dak Ewropew, jeżisti numru ta' konvenzjonijiet, dikjarazzjonijiet, stqarrijiet u riżoluzzjonijiet marbuta mad-diżabilità, l-inklużjoni u l-edukazzjoni speċjali li jsaħħu l-policies nazzjonali tal-pajjiżi kollha, filwaqt li jipprovdu linji ta' referenza għax-xogħol tagħhom[2]. Dawn id-dokumenti jintużaw ukoll mill-Agency bħala prinċipji ta' gwida. Sabiex l-istudji tal-Agency użati fit-tfassil ta' dan id-dokument jitqiegħdu f'kuntest usa', it-testi bażiċi Ewropej u Internazzjonali qegħdin jiġu indikati hawn taħt.

### 2.1 Prinċipji ta' gwida għal-livell Ewropew

Jeżisti numru ta' dokumenti f'livell Ewropew li jindikaw il-miri tal-istati membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna li jirċievu l-istudenti bi ħtiġijiet speċjali, u li juru l-livell ta' impenn min-naħa tal-pajjiżi tal-UE fit-twettiq ta' prijoritajiet miftehma. Ħafna minn dawn huma stqarrijiet dwar il-prijoritajiet tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni b'mod ġenerali – pereżempju, ir-Rapport mill-Kunsill Edukattiv tal-Kunsill Ewropew *Il-miri konkreti għall-futur tas-sistemi edukattivi u ta' taħriġ* (2001), u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni *Qafas koerenti ta' indikaturi u benchmarks għall-monitoraġġ tal-progress sabiex jintlaħqu l-miri ta' Lisbona f'dak li għandu x'jaqsam mal-edukazzjoni u t-taħriġ* (2007).

Madankollu hemm ukoll għadd ta' dokumenti importanti li jiffukaw speċifikament fuq l-istudenti bi ħtiġijiet speċjali u l-inklużjoni tagħhom fl-edukazzjoni mainstream. L-ewwel fosthom imur lura għas-sena 1990 bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Ministri tal-Edukazzjoni li tikkonċerna *l-Integrazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ b'diżabilitajiet fis-sistemi ordinarji tal-edukazzjoni*. Wara dan, l-istati membri tal-UE rratifikaw *Ir-Regoli Standard dwar l-Ugwaljanza fl-Opportunitajiet għal Persuni b'Diżabilitajiet* tal-Ġnus Magħquda (1993).

Sussegwentement, fl-1996, il-Kunsill ippubblika ir-*Riżoluzzjoni dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' persuni b'diżabilità* u l-Kummissjoni ppubblikat Komunikazzjoni (stqarrija li titlob għal azzjoni mill-Kunsill) dwar l-*Ugwaljanza tal-opportunità għal nies b'diżabilità*. Fis-sena

[2] Ir-referenzi sħaħ għad-dokumenti kollha li qegħdin nirreferu għalihom hawn, jinsabu f' taqsima 4.

2001 waslet ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew: *Lejn Ewropa bla limiti għal persuni b'diżabilità*. Ir-riżoluzzjoni tal-2003 tal-Parlament, *Lejn strument legali tal-Ġnus Magħquda li jippromwovi u jipproteġi d-drittijiet u d-dinjità ta' persuni b'diżabilitajiet* kienet segwita mir-Riżoluzzjoni tal-2003 tal-Kunsill dwar *Opportunitajiet indaqs għal tfal u studenti b'diżabilitajiet fl-edukazzjoni u t-taħriġ*. Dawn huma tnejn mill-istqarrijiet prinċipali tal-livell Ewropew li jiggwidaw lill-policies dwar l-edukazzjoni speċjali tal-istati membri.

Il-fehmiet tal-istudenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali huma ppreżentati fid-Dikjarazzjoni ta' Lisbona: *Il-Fehmiet taż-Żgħażagħ dwar l-Edukazzjoni Inklużiva* (2007) li tistabbilixxi numru ta' proposti li ftehmu dwarhom żgħażagħ bi ħtiġijiet edukattivi speċjali minn 29 pajjiż u li jattendu edukazzjoni sekondarja, vokazzjonali jew ogħla. Fid-Dikjarazzjoni, iż-żgħażagħ jiddikjaraw li: '*Aħna naraw ħafna benefiċċji fl-edukazzjoni inklużiva ... aħna għandna bżonn li jkollna u li nikkomunikaw ma' ħbieb bi u mingħajr ħtiġijiet speċjali ... L-edu-kazzjoni inkużiva hi ta' benefiċċju b'mod reċiproku kemm għalina kif ukoll għal kulħadd*.'

Fl-2007, il-Kunsill tal-Ewropa tal-Ministri tal-Edukazzjoni identifika l-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali bħala waħda mis-16-il mira li għandhom ikunu kkunsidrati fil-ħidma tal-Miri tal-2010 ta' Lisbona (Il-Kummissjoni Ewopea, 2007). Fil-proposti għall-miri fl-edukazzjoni tal-2020 tal-Kummissjoni Ewropea, studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali huma meqjusa, għal darba oħra, bħala prijorità (2009).

## 2.2 Prinċipji ta' gwida għal-livell Internazzjonali

F'livell internazzjonali, dawk l-istrutturi bażiċi legali li jħallu effett fuq l-edukazzjoni inklużiva huma indikati fil-*Linji Gwida tal-Policy dwar l-Inklużjoni fl-Edukazzjoni* (2009). Dawn jibdew bid-*Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem* (1948), u jgħaddu għall-*Konvenzjoni kontra d-Diskriminazzjoni fl-Edukazzjoni* (1960), il-*Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal* (1989), u l-*Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità fl-Espressjoni Kulturali* (2005). L-aktar riċenti, il-*Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilitajiet* (2006), b'mod speċifiku l-Artiklu 24, hija indikata bħala waħda kruċjali billi din tħeġġeġ l-edukazzjoni inklużiva. Teżisti l-fehma li dawn id-dokumenti u oħrajn internazzjonali: '... *jifirxu l-elementi ċentrali li hemm bżonn li jiġu indirizzati sabiex ikunu assigurati: id-dritt għall-aċċess għall-edukazzjoni, id-dritt għal*

*edukazzjoni ta' kwalità u d-dritt għar-rispett fl-ambjent tat-tagħlim*' (p.10).

Ħafna mill-pajjiżi Ewropej iffirmaw il-konvenzjoni u l-maġġoranza ta' dawn iffirmaw ukoll il-protokol mhux obbligatorju u issa jinsabu fil-proċess tar-ratifika kemm tal-konvenzjoni kif ukoll tal-protokol.[3]

Il-pajjiżi Ewropej kollha rratifikaw id-*Dikjarazzjoni u l-Qafas ta' Salamanka għall-Azzjoni dwar l-Edukazzjoni għal Ħtiġijiet Speċjali* (1994) tal-UNESCO. Din id-dikjarazzjoni kollettiva hi punt fokali importanti għall-ħidma fl-edukazzjoni għal ħtiġijiet speċjali fl-Ewropa – għadha element bażiku fil-qafas konċettwali tal-policies ta' ħafna pajjiżi. Il-pajjiżi Ewropej kollha ftehmu li l-prinċipji li jaqgħu taħt id-Dikjarazzjoni ta' Salamanka għandhom isaħħu l-policies kollha tal-edukazzjoni – u mhux biss dawk li jittrattaw speċifikament l-edukazzjoni għal ħtiġiijiet speċjali. Dawn il-prinċipji huma marbuta ma' opportunitajiet indaqs fis-sens ta' aċċess ġenwin għall-esperjenzi ta' tagħlim, ir-rispett lejn id-differenzi individwali u l-edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd, iffukata fuq il-ħiliet tal-individwu flok fuq id-debbolezzi tiegħu.Ħafna mill-pajjiżi Ewropej iffirmaw il-konvenzjoni u l-maġġoranza ta' dawn iffirmaw ukoll il-protokol mhux obbligatorju u issa jinsabu fil-proċess tar-ratifika kemm tal-konvenzjoni kif ukoll tal-protokol.

Il-Konklużjonijiet u r-Rakkomandazzjonijiet tat-48 sessjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni (ICE) (2008), imsejħa *L-Edukazzjoni Inklużiva – it-Triq lejn il-Futur*, ippreżentaw numru ta' rakkomandazzjonijiet importanti, fosthom:

- Il-policy makers għandhom jagħrfu li: '*l-edukazzjoni inkużiva hi proċess kontinwu mmirat biex joffri edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd*';

- Il-policy u l-proviżjoni tal-edukazzjoni għandhom jimmiraw sabiex: '*jippromwovu kulturi u ambjenti skolastiċi li huma qrib it-tfal (child-friendly), u li jwasslu għal tagħlim effettiv u li jinkludi lit-tfal kollha*' (UNESCO, 2008).

Id-dokument tal-UNESCO dwar il-Linji Gwida għall-Policy (2009) jissuġġerixxi li: *'L-edukazzjoni inklużiva hi proċess li jsaħħaħ il-ħila tas-sistema edukattiva biex tilħaq lill-istudenti kollha … Sistema*

[3] Ara: http://www.un.org/disabilities/countries.asp?navid=17&pid=16 għal informazzjoni aġġornata.

*edukattiva 'inklużiva' tista tinħoloq biss jekk skejjel ordinarji jsiru aktar inklużivi – fi kliem ieħor, jekk huma jitjiebu fl-edukazzjoni li joffru lit-tfal tal-komunitajiet tagħhom'* (p. 8).

Dan id-dokumenti imur lil hinn minn hekk meta jgħid li: '*B'dan il-mod l-inklużjoni tidher bħala proċess li jindirizza u jirreaġixxi għall-ħtiġijiet diversi tat-tfal, taż-żgħażagħ u tal-adulti kollha, permezz ta' parteċipazzjoni dejjem akbar fit-tagħlim, il-kultura u l-komunitajiet, u billi jnaqqas u jelimina l-esklużjoni fi u mill-edukazzjoni … Li wieħed jippromwovi l-inklużjoni jfisser li jkun qiegħed jistimula d-diskussjoni, jinkoraġġixxi attitudnijiet pożittivi u jtejjeb l-istrutturi edukattivi u soċjali biex ilaħħqu ma' talbiet ġodda fl-istrutturi edukattivi u ta' tmexxija. Dan jinvolvi titjib fl-inputs, fil-proċessi u fl-ambjenti biex iħeġġu t-tagħlim kemm fil-livell tal-istudent/a fl-ambjent ta' tagħlim tiegħu/tagħha, kif ukoll fil-livell tas-sistema li ssostni l-espjerjenza sħiħa tat-tagħlim*' (UNESCO, 2009, p. 7–9).

Il-Linji Gwida għall-Policy jenfasizzaw il-proposti li ġejjin, fejn tidħol l-edukazzjoni inklużiva:

- L-inklużjoni u l-kwalità huma reċiproċi;

- L-aċċess u l-kwalità huma marbuta u jsaħħu lil xulxin;

- Il-kwalità u l-ekwità huma ċentrali biex tkun assigurata edukazzjoni inklużiva.

Dawn il-proposti huma fundamentali għall-prinċipji bażiċi evidenti fi ħdan ix-xogħol tematiku tal-Aġenzija u li huma ppreżentati fit-taqsima li ġejja.

## 3. PRINĊIPJI EWLENIN GĦALL-PROMOZZJONI TAL-KWALITÀ FL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

Il-prinċipji bażiċi ppreżentati f'din it-taqsima jiffukaw fuq l-aspetti tas-sistemi edukattivi li, skont il-ħidma tal-Agency, jidhru bħala kruċjali fil-promozzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni inkużiva u fis-sostenn tal-inklużjoni tal-istudenti b'tipi differenti ta' bżonnijiet edukattivi speċjali (SEN) fi ħdan il-proviżjoni tal-mainstream. Dawn l-aspetti jvarjaw mil-leġiżlazzjoni nazzjonali għax-xogħol f'livell skolastiku, li t-tnejn li huma jridu jiġu kkunsidrati fi ħdan strutturi ta' policy li tippromwovi l-kwalità fl-edukazzjoni inklużiva.

Filwaqt li l-maġġoranza tal-materjali tal-Agency użati biex jidentifikaw dawn il-prinċipji bażiċi ffukaw fuq is-settur obbligatorju tal-edukazzjoni, dan ma jfissirx li dawn il-prinċipji bażiċi mhumiex applikabbli għas-setturi u l-fażijiet kollha involuti fit-tagħlim tul il-ħajja.

Seba' taqsimiet tal-prinċipji bażiċi li huma interkonessi jidhru meta jiġi eżaminat ix-xogħol tal-Agency mill-2003 sal-lum. Dawn qegħdin jiġu ppreżentati hawn taħt flimkien ma' rakkomandazzjonijiet speċifiċi li jidhru li huma meħtieġa biex l-implimentazzjoni tagħhom tkun effettiva.

L-iskop aħħari ta' dawn il-prinċipji bażiċi hu biex jippromwovu l-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni inklużiva billi tkun assigurata l-proviżjoni tal-edukazzjoni ta' kwalità. B'dan il-ħsieb, il-prinċipju bażiku tat-twessigħ tal-parteċipazzjoni hu ppreżentat l-ewwel, u l-prinċipji bażiċi l-oħra kollha jidhru jaħdmu lejn dan l-iskop.

***It-twessigħ tal-parteċipazzjoni biex tiżdied l-opportunità edukattiva għall-istudenti kollha.***

L-iskop tal-edukazzjoni inklużiva hu li jwessa' l-aċċess għall-edukazzjoni u li jippromwovi opportunitajiet u parteċipazzjoni sħiħa għall-istudenti kollha li huma vulnerabbli għall-esklużjoni, biex dawn jirrealizzaw il-potenzjal tagħhom.

Meta wieħed jikkunsidra l-promozzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni inklużiva, hemm bżonn li jenfasizza r-relazzjoni ta' għadd ta' fatturi bażiċi mal-iskop:

- *L-inklużjoni tikkonċerna firxa aktar wiesgħa ta' studenti minn dawk identifikati bħala bi bżonnijiet edukattivi speċjali.* Tikkonċerna l-

istudenti kollha li jinsabu f'risku ta' esklużjoni mill-opportunitajiet edukattivi, li jwasslu għal falliment fl-iskola;

- *Aċċess għall-edukazzjoni mainstream waħdu mhux biżżejjed*. Parteċipazzjoni tfisser li l-istudenti kollha jkunu involuti f'attivitajiet ta' tagħlim li għandu skop għalihom.

Il-*promozzjoni ta' attitudnijiet pożittivi fl-edukazzjoni hi kruċjali biex titwessa' l-parteċipazzjoni*. L-attitudnijiet tal-ġenituri u l-għalliema lejn l-edukazzjoni ta' studenti b'firxa wiesgħa ta' bżonnijiet jidhru li huma ddetermintati prinċipalment minn esperjenzi personali; dan il-fatt għandu jkun rikonoxxut u għandhom jiġu introdotti/implimentati strateġiji u riżorsi biex jindirizzaw fatturi addizzjonali. Strateġiji effettivi biex jippromwovu attitudnijiet pożittivi jinkludu:

- *Assigurazzjoni li l-għalliema kollha jkunu mħarrġa* u jħossuhom kapaċi jassumu r-responsabbiltà tal-istudenti kollha, huma x'inhuma l-ħtiġijiet individwali tagħhom;

- *Għajnuna għall-parteċipazzjoni tal-istudenti u l-ġenituri tagħhom fit-teħid ta' deċiżjonijiet marbuta mal-edukazzjoni.* Din tinkludi l-involviment tal-istudenti fid-deċiżjonijiet dwar it-tagħlim tagħhom u għajnuna lill-ġenituri biex jagħmlu għażliet imsejsa fuq informazzjoni għal uliedhom (żgħar).

Fil-livell tal-karriera edukattiva tal-istudenti individwali, l-aspetti li ġejjin jidhru li jagħtu kontribuzzjoni sinjifikanti biex jintlaħaq l-iskop tat-twessigħ fil-parteċipazzjoni:

- *Ħarsa lejn it-tagħlim bħala proċess* – mhux ibbażat fuq kontenut – u bħala skop prinċipali għall-istudenti kollha, għandha tkun l-iżvilupp tat-tagħlim bħala akkwist tal-ħiliet u mhux biss bħala akkwist ta' tagħrif dwar suġġett;

- *L-Iżvilupp ta' approċji lejn tagħlim personalizzat għall-istudenti kollha*, fejn l-istudenti jissettjaw, iżommu rekord ta', u jirrevedu l-iskopijiet tagħhom marbuta mat-tagħlim, f'kollaborazzjoni mal-għalliema u l-familji tagħhom, u fejn ikunu megħjuna jiżviluppaw mod strutturat kif jitgħallmu b'mod indipendenti, sabiex ikunu jistgħu jikkontrollaw it-tagħlim tagħhom;

- *L-Iżvilupp ta' Pjan Edukattiv Individwali (IEP) jew xi programm individwalizzat simili tat-tagħlim* għal xi studenti (possibilment bi ħtiġijiet edukattivi aktar kumplessi) li jistgħu jkollhom bżonn ta' approċju aktar iffukat għat-tagħlim tagħhom. IEPs għandhom jiġu

żviluppati sabiex l-indipendenza u l-involviment tal-istudenti fl-issettjar tal-iskop ikun massimu u wkoll sabiex tinħoloq kollaborazzjoni mal-ġenituri u l-familji.

Approċju lejn tagħlim li jimmira li jilħaq il-bżonnijiet diversi tal-istudenti kollha bla ma jistigmatizzahom/jikkategorizzahom hu konsistenti mal-prinċipji inklużivi u jirrikjedi l-implimentazzjoni ta' strateġiji u approċji li jkunu ta' benefiċċju għall-istudenti kollha:

- *Tagħlim kooperattiv* li permezz tiegħu l-għalliema jieħdu l-approċju ta' tim u jinvolvu l-istudenti infushom, lill-ġenituri, lil sħabhom u lil għalliema u oħrajn membri fl-istaff ta' sostenn, dejjem skont il-bżonn;

- *Tagħlim kooperattiv* li permezz tiegħu l-istudenti jgħinu lil xulxin b'modi differenti – inkluż peer tutoring – fi ħdan gruppi flessibbli u maħsuba sewwa ta' studenti;

- *Kollaborazzjoni fis-soluzzjoni ta' problemi* li tinvolvi approċji sistematiċi lejn immaniġġjar pożittiv tal-klassi;

- *Iggruppjar eteroġenju* ta' studenti u approċju differenzjat għall-mod kif tiġi ttratta d-diversità ta' ħtiġijiet tal-istudenti fil-klassi. Approċju bħal dan jinvolvi ssettjar strutturat tal-miri, reviżjoni u ż-żamma ta' rekords, toroq alternattivi għat-tagħlim, struzzjoni flessibbli u modi differenti ta' ggrupjar għall-istudenti kollha;

- *Approċji effettivi tat-tagħlim* ibbażati fuq miri li jridu jintlaħqu, toroq alternattivi għat-tagħlim, struzzjoni flessibbli u l-użu ta' feedback ċar lill-istudenti;

- *Assessjar tal-għalliema li jsostni t-tagħlim* u ma jistigmatizzax jew iwassal għal konsegwenzi negattivi għall-istudenti. L-assessjar għandu jkollu viżjoni ħolistika/ekoloġika li tikkunsidra l-aspetti akkademiċi, soċjali, emozzjonali u ta' mġiba fit-tagħlim, u jinforma b'mod ċar x'inhuma l-passi li jmiss fil-proċess tat-tagħlim.

Strateġiji għal parteċipazzjoni usa' fil-klassijiet mainstream ma jsitgħux ikunu implimentati waħidhom, 'il bogħod mill-kuntest ta' stiwazzjoni usa' fl-iskola jew id-dar. Sabiex jiżdiedu l-opportunitajiet edukattivi għall-istudenti kollha, iridu jeżistu numru ta' fatturi inter-konessi li jsostnu x-xogħol tal-għalliema individwali. Dawn huma indikati fit-taqsimiet li ġejjin.

**_Edukazzjoni u taħriġ fl-edukazzjoni inklużiva għall-għalliema kollha_**

Sabiex l-għalliema jaħdmu b'mod effettiv f'ambjenti inklużivi, irid ikollhom valuri u attitudnijiet xierqa, ħiliet u kompetenzi, għarfien u fehim.

Dan ifisser li *l-għalliema kollha għandhom ikunu mħejjija biex jaħdmu f'edukazzjoni inklużiva* fit-taħriġ inizjali tagħhom u, imbagħad, ikollhom aċċess għal aktar aġġornament ta' taħriġ aktar tard matul il-karriera tagħhom sabiex jiżviluppaw għarfien u ħiliet li jtejbu l-prattika inklużiva f'ambjenti inklużivi.

It-taħriġ għall-inklużjoni jinvolvi l-akkwist ta' għarfien u ħiliet fi:

- *Id-differenzazzjoni u l-fatt li jkunu sodisfatti d-diversi ħtiġijiet*, li jagħtu ċans lill-għalliem/a jsostni t-tagħlim individwali fil-klassi;

- *Ħidma f'kollaborazzjoni mal-ġenituri u l-familji*;

- *Kollaborazzjoni u xogħol f'tim* li jiffaċilita li l-għalliema jaħdmu b'mod effettiv f'timijiet ma' għalliema oħrajn, kif ukoll ma' firxa ta' professjonisti edukattivi u ta' servizzi oħra li jaħdmu kemm ġewwa u kemm barra mill-iskola.

Flimkien mat-tagħlim fl-inklużjoni għall-għalliema kollha, is-sistemi tat-taħriġ għall-għalliema għandhom jipprovdu opportunitajiet għal:

- *Taħriġ ta' għalliema speċjalizzati* biex iżommu u jiżviluppaw riżorsi speċjalizzati li jsostnu lill-għalliema kollha f'ambjenti ta' inklużjoni;

- *Opportunitajiet ta' sħubija f'taħriġ* għal professjonisti minn servizzi u setturi differenti sabiex jiffaċilitaw ħidma kollaborattiva effettiva;

- *Taħriġ għall-kapijiet tal-iskejjel/organizzazzjonijiet edukattivi* biex jiżviluppaw il-ħiliet u l-viżjoni fit-tmexxija fuq l-istess binarju tal-promozzjoni tal-valuri u tal-prattika inklużiva;

- *Rotot ta' taħriġ u possibiltajiet għal min iħarreġ lill-għalliema fl-edukazzjoni inklużiva* sabiex ikun jista' jwassal programmi edukattivi li jippromwovu l-kwalità fl-edukazzjoni inklużiva, kemm waqt it-taħriġ inizjali u kemm fl-aġġornament ta' taħriġ għall-għalliema.

**_Kultura u ethos organizzattivi li jippromwovu l-inklużjoni_**

F'livell ta' skola jew xi organizzazzjoni edukattiva oħra, sħubija ta' kultura u ethos ibbażata fuq attitudnijiet pożittivi li jilqgħu diversità ta' studenti fi klassijiet u li tissodisfa d-diversi ħtiġijiet fl-edukazzjoni, hija kruċjali.

Kultura ta' sħubija bħal din:

- *Tinkludi l-istakeholders kollha*: l-istudenti, il-familji tagħhom, l-għalliema u l-istaff edukattiv, u l-komunità lokali;

- *Hi ggwidata minn kapijiet ta' skejjel/organizzazzjonijiet edukattivi b'viżjoni għall-inklużjoni.* Din tinkludi li wieħed jaħseb b'mod ċar f'dak li għandu x'jaqsam ma' żvilupp skolastiku, li jkun accountable, u li jaċċetta r-responsabbiltà li jissodisfa l-firxa wiesgħa ta' bżonnijiet.

Kulturi organizzattivi li jsostnu l-inklużjoni jirriżultaw fi:

- *Prattika li tevita s-segregazzjoni* fil-forom kollha u li tippromwovi skola għal kulħadd, billi tipprovdi ugwaljanza fl-opportunità edukattiva għall-istudenti kollha;

- Kultura ta' xogħol f'tim u li hi miftuħa kemm għal sħubija mal-ġenituri kif ukoll għal approċji interdixxiplinarji;

- *Prattika edukattiva biex tissodisfa firxa wiesgħa ta' bżonnijiet* li tidher bħala approċju sabiex tiġi żviluppata edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti b'mod ġenerali, flok ma tiffoka fuq gruppi speċifiċi.

**_Strutturi ta' sostenn organizzati biex jippromwovu l-inklużjoni_**

Strutturi ta' sostenn li jħallu effett fuq l-edukazzjoni inklużiva huma diversi u spiss jinvolvu firxa ta' professjonisti ta' servizz, approċji u metodi ta' ħidma differenti. Strutturi ta' sostenn stabbiliti jistgħu jaġixxu bħala sostenn għal, jew bħala barriera kontra l-inklużjoni.

Strutturi ta' sostenn li jippromwovu edukazzjoni inklużiva huma:

- *Jikkonsistu f'firxa ta' servizzi differenti ta' speċjalisti*, ċentri ta' riżorsi u organizzazzjonijiet, u professjonisti li jirriflettu l-livell lokali ta' ħtiġijiet. Strutturi ta' sostenn iridu jkunu kapaċi jirrispondu b'mod flessibbli għal firxa ta' bżonnijiet kemm organizzattivi kif ukoll individwali f'livell professjonali u tal-familja;

- *Ikkoordinati kemm fi ħdan u kemm bejn setturi differenti* (edukazzjoni, saħħa, servizzi soċjali, eċċ.) u timijiet ta' personnel ta' sostenn;

- *Ikkoordinati sabiex isostnu bl-aħjar mod possibbli* s-suċċess tat-tranżizzjonijiet tal-istudenti kollha bejn il-fażijiet differenti tat-tagħlim tul il-ħajja (l-edukazzjoni ta' qabel l-iskola, l-edukazzjoni obbligatorja, l-edukazzjoni post obbligatorja u l-edukazzjoni relatata mal-impjieg).

Strutturi ta' sostenn bħal dawn iħaddmu approċju interdixxiplinarju li:

- *Jintegra l-għarfien u l-perspettivi ta' taqsimiet differenti ta' expertise professjonali* sabiex jiġu kkunsidrati b'mod ħolistiku l-bżonnijiet tal-istudenti;

- *Juża approċju parteċipattiv* li jeħtieġ bidla fil-linja tal-kontroll għas-sostenn u sehem mill-ispeċjalisti tas-sostenn. It-teħid tad-deċiżjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' sostenn mhux biss jinvolvi, imma wkoll ikun jitmexxa dejjem aktar mill-għalliem tal-mainstream, mill-istudenti u l-familji tagħhom, li jaħdmu fi sħubija mal-professjonisti interdixxiplinarji. Dan jitlob bidla kbira fl-attitudni min-naħa tal-professjonisti speċjalizzati, kif ukoll tibdil fil-prattika tagħhom.

**_Sistemi flessibbli ta' riżorsi li jippromwovu l-inklużjoni_**

Policies u strutturi li jipprovdu fondi jibqgħu wieħed mill-fatturi l-aktar sinifikanti li jiddeterminaw l-inklużjoni. Aċċess limitat jew nieqes għal kollox minn ċerti faċilitajiet u proviżjoni jista' fil-fatt itellef l-inklużjoni u l-ugwaljanza ta' opportunità għal studenti b'SEN.

Mekkaniżmi ħalli jkunu pprovduti fondi u riżorsi għall-edukazzjoni li jippromwovu – aktar milli jtellfu – l-inkużjoni, huma ggwidati minn policies ta' finanzjament li:

- *Huma maħsuba biex jipprovdu reazzjonijiet flessibbli, effettivi u effiċjenti* għall-bżonnijiet tal-istudenti;

- *Jippromwovu kollaborazzjoni intersettorjali* minn servizzi rilevanti;

- *Jiżguraw koordinazzjoni* bejn stutturi li jipprovdu fondi f'livell reġjonali u dak nazzjonali.

Sistemi flessibbli li jipprovdu riżorsi jidhru li jiffaċilitaw:

- *Approċji deċentralizzati għall-allokazzjoni ta' riżorsi* li jiffaċilitaw organizzazzjonijiet lokali li jsostnu prattika inklużiva effettiva. Mudelli

ta' ffinanzjar deċentralizzat x'aktarx li jkunu jaqblu aktar finanzjarjament u jirreaġixxu aħjar għall-bżonnijiet ta' popolazzjonijiet lokali;

- *Opportunitajiet għall-iffinanzjar ta' approċji preventivi fl-edukazzjoni*, kif ukoll sostenn effettiv għall-istudenti li huma identifikati bħala li għandhom bżonnijiet speċifiċi;

- Possibiltajiet biex *jinstabu riżorsi għall-ħidma ta' inklużjoni fl-iskejjel u f'organizzazzjonijiet edukattivi oħrajn ibbażati fuq firxa ta' fatturi u mhux biss fuq id-dijanjożi tal-ħtiġijiet tal-istudenti individwali*. Approċji bħal dawn jipprovdu flessibbiltà fl-użu ta' riżorsi finanzjarji skont bżonnijiet organizzattivi identifikati u bżonnijiet fil-kuntest ta' policies lokali u nazzjonali.

***Policies li jippromwovu l-inklużjoni***

Il-promozzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni inklużiva teħtieġ policy ċara. Il-mira tal-iskola għal kulħadd għandha tkun imħeġġa fil-policies edukattivi kif ukoll sostnuta permezz tal-ethos u tat-tmexxija tal-iskola, flimkien mal-imġiba tal-għalliema.

Policies li jaħsbu biex iħeġġu l-kwalità fl-edukazzjoni inklużiva:

- *Jieħdu in konsiderazzjoni policies u inizjattivi f'livell internazzjonali*;

- Huma flessibbli biżżejjed biex *jirriflettu bżonnijiet f'livell lokali*;

- *Jużaw bl-aħjar mod il-fatturi li jsostnu l-inklużjoni* – imsemmija aktar 'il fuq – għall-istudent individwali u ġenituri tiegħu, kemm fil-livelli ta' għalliema kif ukoll fil-livell organizzattiv.

Biex tiġi implimentata edukazzjoni inklużiva, il-miri tal-policy iridu jiġu kkomunikati b'mod effettiv lill-membri kollha tal-komunità edukattiva. Mexxejja edukattivi fil-livelli kollha – nazzjonali, reġjonali, komunitarji, kif ukoll dawk organizzattivi – għandhom rwol essenzjali fit-traduzzjoni u l-implimentar tal-policy li tippromwovi l-kwalità fl-edukazzjoni inklużiva. Policies li jippromwovu l-kwalità fl-edukazzjoni inklużiva hemm bżonn li jindirizzaw l-attitudnijiet lejn studenti bi ħtiġijiet diversi, kif ukoll jipproponu azzjoni biex dawn il-bżonnijiet ikunu sodisfatti. Policies bħal dawn:

- *Jindikaw r-responsabbiltajiet fil-livell tal-għalliema, tal-iskola/ l-organizzazzjoni edukattiva u tal-istrutturi/servizzi,* kif ukoll;

- *Jindikaw l-għajnuna u t-taħriġ li se jkunu pprovduti* għall-istakeholders kollha sabiex dawn ir-responsabiltajiet iseħħu.

Il-policies li jippromwovu l-inklużjoni u li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-istudenti individwali fis-setturi kollha tal-edukazzjoni huma 'integrati' fis-setturi u s-servizzi kollha. Policies bħal dawn għandu jkollhom aktar minn fażi waħda u jkunu trans-settorjali, u jħeġġu b'mod attiv dik il-kooperazzjoni inter-settorjali biex ikun assigurat li:

- F'livelli nazzjonali u lokali, *il-policy makers mis-setturi edukattivi, soċjali u tas-saħħa jikkooperaw fil-ħidma tagħhom* biex joħolqu policies u pjanijiet li jiffaċilitaw u jsostnu b'mod attiv approċju interdixxiplinarju fil-fażijiet kollha tal-edukazzjoni tul il-ħajja;

- *Strutturi flessibbli ta' proviżjoni li ssostni l-prattika inklużiva huma applikati fis-setturi kollha tal-proviżjoni edukattiva*. L-inklużjoni tal-istudenti bi ħtiġijiet diversi fi ħdan is-settur sekondarju, fit-tranżizzjoni mill-fażi skolastika għal dik tal-impjieg, fl-edukazzjoni post obbligatorja, dik għolja u dik terzjarja, għandha tingħata l-istess grad ta' attenzjoni bħalma tingħata fis-settur ta' qabel il-primarja u dak tal-primarja;

- Il-policies jimmiraw li *jiffaċilitaw is-sħubija fil-prattika tajba u fir-riċerka u l-iżvilupp tas-sostenn* għal approċji, metodi u għodod edukattivi ġodda.

Filwaqt li f'terminu qasir għandu jkun hemm pjan ċar ta' azzjoni separata u ta' strateġija għall-edukazzjoni inklużiva fil-policies ġenerali, f'terminu itwal l-inklużjoni fl-edukazzjoni għandha tkun obbligatorja fil-policies u l-istrateġiji edukattivi kollha.

Arranġamenti għall-monitoraġġ tal-implementazzjoni tal-policies għadhom ikunu maqbula fl-istadju tal-ippjanar tal-policy. Dan jinvolvi:

- *Li jkunu identifikati indikaturi xierqa* li jridu jintużaw bħala għodda għall-monitoraġġ tal-iżviluppi fil-policy u fil-prattika;

- *Li tkun mħeġġa sħubija* bejn l-iskejjel, il-policy makers lokali u l-ġenituri sabiex tkun assigurata accountablity akbar għas-servizzi pprovduti;

- *Li jkunu stabbiliti l-proċeduri għall-evalwazzjoni* tal-kwalità tal-proviżjoni għall-istudenti kollha fis-sistema edukattiva u fil-partikular;

- *Li jkun evalwat l-effett tal-policies* f'dak li għandu x'jaqsam mal-impatt tagħhom fuq l-opportunità tal-ugwaljanza għall-istudenti kollha.

**_Leġiżlazzjoni li tippromwovi l-inklużjoni_**

Il-leġiżlazzjoni kollha li jista' jkollha impatt fuq l-edukazzjoni inklużiva f'pajjiż għandha tiddikjara b'mod ċar l-inklużjoni bħala mira. Konsegwentement, il-leġiżlazzjoni fis-setturi pubbliċi kollha għandha twassal biex ikunu pprovduti servizzi li jtejbu l-iżviluppi u l-proċessi li jaħdmu favur l-inklużjoni fl-edukazzjoni.

B'mod partikulari għandu jkun hemm:

- *Leġiżlazzjoni 'integrata' fis-setturi* li twassal għal konsistenza bejn l-edukazzjoni inklużiva u l-iniżjattivi ta' policy oħrajn;

- *Qafas legali wieħed li jkopri l-edukazzjoni inklużiva* fis-setturi u fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

Leġiżlazzjoni komprensiva u koordinata għall-edukazzjoni inklużiva li tindirizza b'mod sħiħ it-temi ta' flessibbiltà, tad-diversità u tal-ugwaljanza fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha għall-istudenti kollha. Din tissigura li l-policy, il-proviżjoni u l-s-sostenn huma konsistenti fl-akkwati ġeografiċi kollha tal-pajjiż/tar-reġjun:

- '*Approċju ta' drittijiet*' fejn l-istudenti individwali (flimkien mal-familji tagħhom jew dawk li jieħdu ħsiebhom, dejjem skont il-każ), jistgħu jkollhom aċċess għall-edukazzjoni mainstream u s-servizzi ta' sostenn neċessarju fi-livelli kollha;

- L-*allinjament tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ma' ftehim jew dikjarazzjonijiet internazzjonali* li jikkonċernaw l-inklużjoni.

## Kummenti tal-Għeluq

Meta wieħed jikkonsidra l-messaġġi prinċipali evidenti fix-xogħol tal-Agency, wieħed isib li l-impenn kontinwu tal-pajjiżi fil-promozzjoni tal-inklużjoni ikun indikat minn tnaqqis fin-numru tal-istudenti fi proviżjonijiet separati għal kollox (segregati) madwar l-Ewropa.

Wieħed jista' jgħid li l-bidliet sistematiċi neċessarji fil-policy u fil-proviżjoni mmirati biex jippromwovu l-kwalità fl-edukazzjoni inklużiva jistgħu jiġu ggwidati minn prinċipji bażiċi inter-relatati u ta' sostenn reċiproku indikati fit-taqsimiet aktar 'il fuq.

# 4. AKTAR INFORMAZZJONI

L-informazzjoni kollha li saret referenza għaliha f'dan id-dokument tista' tinstab fit-taqsima *Prinċipji Bażiċi* tal-website tal-Agency: http://www.european-agency.org/agency-projects/key-principles

Din tinkludi

- 'Matrix' ta' evidenza mill-istudji tal-Agency li jissapportjaw kull wieħed mill-prinċipji bażiċi msemmija f'taqsima 3;

- Links għal, jew download ta' files tad-dokumenti kollha tal-Agency u materjal ieħor msemmi f'dan id-dokument.

Referenzi speċifiċi tal-materjal kollu użat fil-preparazzjoni ta' dan id-dokument huma mogħtija hawn taħt.

## 4.1 Is-sorsi tal-Agency

Kyriazopoulou, M. and Weber, H. (eds.) 2009. *Development of a set of indicators – for inclusive education in Europe,* Odense, Denmark: European Agency for Development in Special Needs Education

Meijer, C. J. W. (ed.) 2003. *Special education across Europe in 2003: Trends in provision in 18 European countries*, Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Meijer, C. J. W., Soriano, V. and Watkins, A. (eds.) 2003. *Special Needs Education in Europe: Thematic Publication*, Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Meijer, C. J. W. (ed.) 2005. *Inclusive education and classroom practice in Secondary Education,* Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Meijer, C. J. W., Soriano, V. and Watkins, A. (eds.) 2006. *Special Needs Education in Europe: Provision in Post-Primary Education,* Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Soriano, V. (ed.) 2005. *Early Childhood Intervention: Analysis of Situations in Europe – Key Aspects and Recommendations,* Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Soriano, V. (ed.) 2005. *Young Views on Special Needs Education: Results of the Hearing in the European Parliament – 3 November, 2003*, Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Soriano, V. (ed.) 2006. *Individual Transition Plans – Supporting the Move from School to Employment,* Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Soriano, V., Kyriazopoulou, M., Weber, H. and Grünberger, A. (eds.) 2008. *Young Voices: Meeting Diversity in Education*, Odense: European Agency for Development in Special Needs Education

Soriano, V., Grünberger, A. and Kyriazopoulou, M. (eds.) 2009. *Multicultural Diversity and Special Needs Education*, Odense: European Agency for Development in Special Needs Education

Watkins, A. (ed.) 2007. *Assessment in Inclusive Settings: Key issues for policy and practice*, Odense: European Agency for Development in Special Needs Education

Watkins, A. and D'Alessio, S. (eds.) 2009. *Assessment in Inclusive Settings: Putting Inclusive Assessment into Practice*, Odense: European Agency for Development in Special Needs Education

Dawn il-pubblikazzjonijiet kollha jistgħu jitniżżlu f'21 lingwa mit-taqsima tal-pubblikazzjonijiet tal-website tal-Agency:
http://www.european-agency.org/publications

### 4.2 Sorsi oħra

European Agency for Development in Special Needs Education 2007. *Lisbon Declaration: Young People's Views on Inclusive Education*, available online: http://www.european-agency.org/publications/flyers/lisbon-declaration-young-people2019s-views-on-inclusive-education

European Commission (DGXXII) 1996. *The Charter of Luxembourg,* Brussels, Belgium

European Commission 2007. Communication from the Commission '*A coherent framework of indicators and benchmarks for monitoring progress towards the Lisbon objectives in education and training*' (February 2007)

European Commission 2007. *Progress towards the Lisbon objectives in Education and Training. Indicators and Benchmarks*, Brussels, Commission Staff Working Document, SEC (2007) 1284

European Council 2001. Report from the Education Council to the European Council '*The concrete future objectives of education and training systems*' (February 2001)

European Council 2009. *Council conclusions on a strategic framework for European co-operation in education and training ('ET 2020')*, Brussels (May 2009)

European Union 1990. *Resolution of the Council and the Ministers of Education meeting with the Council of 31 May 1990 concerning Integration of children and young people with disabilities into ordinary systems of education*, Official Journal C 162, 03/07/1990, p. 2–3

European Union 1996. *Communication of the Commission on equality of opportunity for people with disabilities*, COM (96)406 final of 30 July 1996

European Union 1996. *Resolution on the human rights of disabled people*, Official Journal C 17, 22/10/1996

European Union 2001. *European Parliament Resolution on the Communication from the Commission to the Council, the European Parliament, the Economic and Social Committee and the Committee of the Regions – Towards a barrier-free Europe for people with disabilities*, adopted on 4 March 2001, (COM (20000 284 – C5-0632/ 2000-2000/2296 (COS))

European Union 2003. *Council Resolution of 5 May 2003 on Equal opportunities for pupils and students with disabilities in education and training*, 2003/C 134/04, Official Journal C 134, 07/06/2003

European Union 2003. *Council Resolution of 15 July 2003 on promoting the employment and social integration of people with disabilities*, (2003/C 175/01)

European Union 2003. *European Parliament Resolution on the Communication from the Commission to the Council and the European Parliament – Towards a United Nations legally binding instrument to promote and protect the rights and dignity of persons with disabilities*, (COM(2003) 16 – 2003/2100 (INI))

UNESCO 1994. *The Salamanca Statement and Framework for Action on Special Needs Education*, Paris: UNESCO

UNESCO 2008. *'Inclusive Education: The Way of the Future', International Conference on Education, 48th session, Final Report*, Geneva: UNESCO

UNESCO 2009. *Policy Guidelines on Inclusion in Education*, Paris: UNESCO

United Nations 1948. *Universal Declaration of Human Rights*, available online: http://www.un.org/en/documents/udhr/

United Nations 1960. *Convention against Discrimination in Education*, available online: http://www2.ohchr.org/english/law/education.htm

United Nations 1989. *Convention on the Rights of the Child*, available online: http://www.unicef.org/crc/

United Nations 1993. *Standard Rules on the Equalisation of Opportunities for Persons with Disabilities*, available online: http://www.un.org/esa/socdev/enable/dissre00.htm

United Nations 2005. *Convention on the Protection and Promotion of Diversity in Cultural Expression*, available online: http://portal.unesco.org/en/ev.php-URL_ID=31038&URL_DO=DO_TOPIC&URL_SECTION=201.html

United Nations 2006. *Convention on Rights of People with Disabilities*, available online: http://www.un.org/disabilities/convention/conventionfull.shtml

Watkins, A. (ed.) 2003. *Key Principles for Special Needs Education – Recommendations for Policy Makers,* Middelfart: European Agency for Development in Special Needs Education

Watkins, A. (ed.) 2009. *Special Needs Education – Country Data 2008*, Odense: European Agency for Development in Special Needs Education

MT

L-ewwel rapport fis-serje Prinċipji Ewlenin kien ippubblikat mill-Agency fl-2003 u kien ibbażat fuq ix-xogħol li l-Agency ippubblikat sa dakinhar. Din l-aħħar edizzjoni timxi fuq ix-xogħol tal-Agency mill-2003 sa llum.

Bħal fil-każ tal-edizzjoni preċedenti, dan id-dokument ġie ppreparat minn policy makers edukattivi sabiex jipprovdu lill-policy makers madwar l-Ewropa b'sintesi tar-riżultati prinċipali dwar il-policy li ħarġu mix-xogħol tematiku tal-Agency.

L-iskop hu li jkunu indikati r-rakkomandazzjonijiet marbuta ma' aspetti bażiċi f'policy edukattiva li tidher li hi effettiva fis-sostenn li tagħti lill-inklużjoni għal studenti b'firxa diversa ta' bżonnijiet, fi ħdan il-proviżjoni mainstream.

Messaġġ prinċipali ta' dan ir-rapport hu li dawn ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-prinċipji bażiċi essenzjalment isaħħu l-prinċipji li jippromwovu edukazzjoni ta' kwalità għall-istudenti kollha.



European Agency for Development in Special Needs Education